## Kavallier

Kavallier tal-bnazzi
Protagonist prominenti
F'siti abbandunatiesperti f'kalvarji vjolenti.

Tieghi d-demghat
Bla kulur
Misjuba mgerrxa
Jikkonfoffaw
Ghal xitwa ehfef.

Tghid nifformola appell
Lir-ruhi
Ballerina mmankata
Biex taghżel
Is-satin tal-mewt
?

*Sergio Grech*

## Tiġrib

Bil-qalb lest inġarrab.

Ukoll li kont qanfud
imwerwer bil-biża'
li ghad trid tmiss lili
dix-xorti hekk kiefra
u mċaftar nispiċċa
taht rota ta' trakk;

xorta naghżel rasi
nixref ħalli naqsam,
imqar miljun darba,
biex niekol sa nixba'
mill-frotta misjura
ta' siġret-il-Eden
li żgur ghad trid taqa'
fil-harifa ta' hajti.

Bil-qalb lest niġġarrab.

*Toni Aquilina*



## Kappella Pprofanata

Minn ghala n-nies
din il-kappella pprofanata
bil-ġebel imbarrata
issorr ġo fiha dlam perfett

iżda kuljum preċett
strixxa dawl irqiqa
tiżżerżaq
minn taħt it-tieqa
u tibqa' dieħla
sa ġewwanett.

*Ġorġ Borg*

## Leħħiet

Iż-żerriegħa li żrajt ma nibtetx kollha;
nibtet dik biss li kellha d-dqiqa ħajja
u meta l-fosdqa ta' madwarha tnawret
bit-tira tal-ħamrija, ħarġet minnha
ras in-nebbieta 'l fuq, qasmet il-qoxra
u xirfet ħadranija, tarja, tilma
bin-nida tleqq tal-għodwa fi twelidha.

Hemm żmien sabiħ fil-ħajja ta' kull bniedem
u hemm żmien ikrah li jixxeblek miegħu
bħal ma jqabbad l-għolliq fil-wied maċ-ċawsli
biex jerda' minnu l-ħlewwa bnina tiegħu.
Tegħleb is-siġra lill-għolliq li ggranfa,
jew iseħħlu l-għolliq jerda' ċ-ċawslija
qabel nilħaq induqu nsoff ħlewwitha?

Fejn marru tal-kitarri? F'qamar kwinta
għaddew flimkien idoqqu f'nofs ta' lejl
mit-toroq dojoq ta' raħalna ħiemed,
iwennsu l-qlub u jħallmu ċl maħbubin...
X'ħena sawwabtu fija b'daqq il-kordi;
kemm twieqi tbexxqu... kemm tnehid ħanin...
kemm żerżaq jilma dmugħ il-ferħ fl-għajnejn!